MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 29/2008

Josephine **MANGION;** Miriam Portanier Mifsud; u Nicolette Miller

vs.

John **BUĦAĠIAR** u Mary Anne *sive* Maryanne Buħaġiar

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-11 ta’ Jannar, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu (1) li din il-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ għall-finijiet ta’ l-artikolu 167 (1) tal-Kap 12; u (2) tikkundanna lill-imħarrkin biex, fiż-żmien qasir u perentorju li din il-Qorti jogħġobha tiffissa, joħorġu ‘l barra mill-fond numru tliet mija u tmienja u sebgħin (378), Triq il-Kbira, Mosta, liema post l-imħarrkin qegħdin iżommu bla ebda jedd fil-liġi, kif konfermat ukoll bis-saħħa ta’ sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-4 ta’ Ġunju, 2004 (Ċit. Nru. 736/95 NC) li marret deżerta ‘l quddiem il-Qorti

ta’ l-Appell fis-16 ta’ Lulju, 2007. Talbu wkoll il-kundanna ta’ l-imħarrkin għall-ħlas ta’ l-ispejjeż tal-kawża;

Rat illi r-rikors u l-Avviż tas-Smigħ ġew debitament notifikati lill-intimati għall-finijiet ta’ l-art 187 (3) tal-Kap 12 li naqsu li jidhru biex iwieġbu għat-talbiet attriċi x’ħin issejħet il-kawża bosta drabi;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet l-Avukat tar-rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja ta’ l-intimati tiddeċiedi billi:

1. **Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti** u tgħaddi biex tagħti s-sentenza mingħajr is-smigħ;

2. **Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrek biex, sa’ żmien għoxrin (20) jum mil-lum, joħorġu mill-fond numru tliet mija u tmienja u sebgħin (378), Triq il-Kbira, Mosta; u

**3.** Tikkundannahom biex iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------